*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,894, 23 ta' Marzu, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 98 tal-2012**

**ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)**

**ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)**

**Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi tat-*Taxi***

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi tat-*Taxi*, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Servizzi tat-*Taxi*, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu u bidu fis-seħħ. L.S. 499.59

(2) Ir-regolament 7 għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għat-trasport jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

**2.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

(a) it-tifsira "kwadriċikletta li taħdem bl-elettriku" għandha titħassar;

(b) fit-tifsira "*mini cab* li taħdem bl-elettriku" minflok il-kliem "kwadriċikletta li taħdem" għandhom jidħlu l-kliem "vettura li taħdem";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "vettura bil-mutur ibrida" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "vettura li taħdem bl-elettriku" tfisser vettura li taħdem bl-elettriku, li tintuża għall-ġarr stradali tal-passiġġieri u li -

(a) tkun vettura tal-kategorija L5e jew vettura tal-kategorija L6e jew vettura tal-kategorija L7e;

(b) għall-finijiet ta’ dawn ir-regolamenti, l-ogħla veloċità tagħha ma tkunx iżjed minn 45 kilometru fis-siegħa; u

(ċ) il-massa tagħha meta ma tkunx mgħobbija ma tkunx iżjed minn 550kg;";

(d) minnufih wara t-tifsira ġdida "vettura li taħdem bl-elettriku" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" " ‘vettura tal-kategorija L5e’, ‘vettura tal-kategorija L6e’ u ‘vettura tal-kategorija L7e’ " għandhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fid-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Marzu, 2002 li għandha x’taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta’ vetturi bil-mutur b’żewġ roti;".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Il-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) għandha liċenza tas-sewqan adatta għall-kategorija ta’ vettura li tkun ser issuq skont ir-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (Liċenzi tas-Sewqan);". L.S. 65.18

Jemenda r-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Fis-subregolament (4) tar-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kelma "CAB" għandha tidħol il-kelma "CABS".

Jemenda r-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali.

**5.** Is-subregolament (1) tar-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "il-kwadriċikletti li jaħdmu bl-elettriku" għandhom jidħlu l-kliem "il-vetturi li jaħdmu bl-elettriku";

(b) il-paragrafi (b) sa (d) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (ċ) sa (e); u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (a) tiegħu, għandu jidħol il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) ir-regolament 20(f) fir-rigward ta’ *mini cabs* li jaħdmu bl-elettriku fil-kategorija L5e;".

Jemenda r-regolament 42 tar-regolamenti prinċipali.

**6.** Fis-subregolament (3) tar-regolament 42 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "jiżgura li kopji tal-irċevuti fiskali kollha maħruġa mix-xufier ta’ *taxi*" għandhom jidħlu l-kliem "jiżgura li r-

reġistrazzjonijiet Z stampati mit-*taximeters* stallati fit-*taxis*".

**7.** L-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

(a) it-Tabella 1 tagħha għandha tiġi sostitwita bit-Tabella ġdida li ġejja:

"TABELLA 1

L-OGĦLA NOLIJIET LI GĦANDHOM JINTALBU META MA JKUNX JAPPLIKA NOL FISS

| | |
|---|---|
| Nol tal-bidu | €3.50 |
| Għall-ewwel għaxar kilometri | €1.63 kull km |
| Għal distanzi itwal minn għaxar kilometri: | |
| Aktar minn għaxar kilometri sa għoxrin kilometru | €1.39 kull km |
| Aktar minn għoxrin kilometru sa tletin kilometru | €1.16 kull km |
| Aktar minn tletin kilometru sa erbgħin kilometru | €0.94 kull km |
| Aktar minn erbgħin kilometru sa ħamsin kilometru | €0.69 kull km |
| Aktar minn ħamsin kilometru sa sittin kilometru | €0.46 kull km |
| Aktar minn sittin kilometru sa sebgħin kilometru | €0.23 kull km |
| Aktar minn sebgħin kilometru | €1.86 kull km |

Iżda t-*taximeter* għandu jkejjel id-distanza koperta b'unitajiet ta' 100 metru kull waħda għall-fini tar-rati stipulati hawn qabel:

Iżda wkoll li fil-25 ta' Diċembru u fl-1 ta' Jannar ta' kull sena għandu jitħallas dritt addizzjonali ta' €7 għal kull vjaġġ.

Għandu jitħallas dritt ta' stennija ta' €7 għal kull siegħa jew parti minnha waqt li l-veloċità tat-*taxi* tkun inqas minn 20 kilometru fis-siegħa iżda dan id-dritt m'għandux jibda jgħodd sakemm il-veloċità tat-*taxi* tkun inqas minn 20 kilometru fis-siegħa għal mill-inqas tliet minuti kontinwi:

Iżda l-ħin ta' stennija jiġi kalkulat f'unitajiet ta' għaxar sekondi kull waħda għall-fini tad-dritt li jrid jitħallas għal ħin ta' stennija."; u

(b) it-Tabella 2 tagħha għandha tiġi sostitwita bit-Tabella ġdida li ġejja:

"TABELLA 2

L-OGĦLA NOLIJIET FISSI

| | | Postijiet tat-tluq | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Destinazzjonijiet | | Ajruport Internazzjonali ta' Malta | It-terminal tal-Port il-Kbir | Bieb il-Belt - Valletta (1000am - 2200pm) | San Ġiljan (2100pm - 0500am) | Buġibba Mejju - Ottubru (1600 pm - 0000 am) |
| Żona 1 | Ħal Luqa, Ħal Kirkop, Sta. Luċija, Ħal Far, Ħal Farruġ, Ħal Safi, il-Gudja | €11.00 | €15.50 | €15.50 | €19.00 | €25.00 |

| | | Postijiet tat-tluq | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Destinazzjonijiet | | Ajruport Internazzjonali ta' Malta | It-terminal tal-Port il-Kbir | Bieb il-Belt - Valletta (1000am - 2200pm) | San Ġiljan (2100pm - 0500am) | Buġibba Mejju - Ottubru (1600 pm - 0000 am) |
| Żona 2 | Valletta, il-Ħamrun, l-Imsida, il-Floriana, Gwardamangia, il-Marsa, Ħal Qormi, Tal-Pietà, Sta. Venera, Albert Town, | €15.00 | €11.00 | €9.00 | €12.00 | €20.00 |
| Żona 3 | Ħaż-Żebbuġ, Is-Siġġiewi, Għar Lapsi, ir-Rabat, Ħad Dingli, Ta' Qali, l-Imdina, l-Imtarfa | €18.00 | €20.00 | €20.00 | €19.00 | €18.00 |
| Żona 4 | Paola, il-Fgura, Laboratory Wharf, Qasam Industrijali ta' Kordin, Għajn Dwieli, Ħal Tarxien | €13.50 | €13.50 | €13.50 | €16.00 | €22.50 |
| Żona 5 | Bormla, il-Kalkara, l-Isla, il-Birgu, Ħaż-Żabbar, ix-Xgħajra, Marsaskala, Smart City | €18.00 | €18.00 | €18.00 | €20.00 | €25.00 |
| Żona 6 | Iż-Żejtun, Ħal Għaxaq, l-Imqabba, Delimara, Birżebbuġa, il-Qrendi, Marsaxlokk, iż-Żurrieq | €15.50 | €18.00 | €18.00 | €21.00 | €25.00 |
| Żona 7 | Tas-Sliema, il-Gżira, il-Kappara, Ta' Xbiex, Paceville, San Ġiljan, San Ġwann, Ħal Lija, is-Swieqi, St. Andrew's, Pembroke, l-Ibraġ, l-Iklin, Birkirkara, Ħal Balzan, Ħ'Attard | €20.00 | €18.00 | €16.00 | €8.00 | €16.00 |
| Żona 8 | Il-Mosta, in-Naxxar, Għargħur, High Ridge, Madliena, Baħar iċ-Ċagħaq | €22.50 | €22.50 | €20.00 | €12.00 | €13.00 |

| | | Postijiet tat-tluq | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Destinazzjonijiet | | Ajruport Internazzjonali ta' Malta | It-terminal tal-Port il-Kbir | Bieb il-Belt - Valletta (1000am - 2200pm) | San Ġiljan (2100pm - 0500am) | Buġibba Mejju - Ottubru (1600 pm - 0000 am) |
| Żona 9 | L-Imġarr, il-Wardija, is-Salini, Għajn Tuffieħa, il-Bidnija, Burmarrad, Golden Bay, San Pawl il-Baħar, Buġibba, il-Qawra, ix-Xemxija, il-Baħrija, iż-Żebbiegħ, Binġemma, l-Imtaħleb | €25.00 | €25.00 | €25.00 | €20.00 | €12.00 |
| Żona 10 | Il-Mellieħa, il-Manikata | €29.50 | €29.50 | €28.00 | €24.00 | €14.00 |
| Żona 11 | Iċ-Ċirkewwa, l-Armier, il-Marfa | €32.00 | €32.00 | €30.00 | €28.00 | €20.00 |
| Fil-25 ta' Diċembru u fl-1 ta' Jannar ta' kull sena għandu jitħallas dritt addizzjonali ta' €7 għal kull vjaġġ.". | | | | | | |

**L.N. 98 of 2012**

## AUTHORITY FOR TRANSPORT IN MALTA ACT (CAP. 499)

## TRAFFIC REGULATION ORDINANCE (CAP. 65)

### Taxi Services (Amendment) Regulations, 2012

IN exercise of the powers conferred by article 43 of the Authority for Transport in Malta Act and by article 54 of the Traffic Regulation Ordinance, the Minister for Infrastructure, Transport and Communications has, after consultation with the Authority for Transport in Malta, made the following regulations:-

Citation and commencement.

S.L.499.59

**1.** (1) The title of these regulations is the Taxi Services (Amendment) Regulations, 2012 and these shall be read and construed as one with the Taxi Services Regulations, hereinafter referred to as "the principal regulations".

(2) Regulation 7 shall come into force on such a date as the Minister responsible for transport may by notice in the Gazette establish.

Amends regulation 2 of the principal regulations.

**2.** Regulation 2 of the principal regulations shall be amended as follows:

(a) immediately after the definition "carriageway" there shall be added the following new definition:

" " ‘category L5e vehicle’, ‘category L6e vehicle’ and ‘category L7e vehicle’ " have the same meanings as in Directive 2002/24/EC of the European Parliament and of the Council of 18 March 2002 relating to the type-approval of two or three-wheel motor vehicles;";

(b) in the definition "electric mini cab" for the words "an electric quadricycle vehicle" there shall be substituted the words "an electrically propelled vehicle";

(c) the definition "electric quadricycle" shall be deleted; and

(d) immediately after the definition "electric mini cab stand" there shall be inserted the following new definition:

" "electrically propelled vehicle" means an

electrically propelled vehicle, which is used for the carriage of passengers by road and which -

(a) is a category L5e vehicle or a category L6e vehicle or a category L7e vehicle;

(b) for the purposes of these regulations, has a maximum speed which does not exceed 45 km per hour; and

(c) has an unladen mass not exceeding 550kg;".

**3.** Paragraph (b) of sub-regulation (1) of regulation 11 of the principal regulations shall be substituted by the following new paragraph: Amends regulation 11 of the principal regulations.

"(b) is the holder of the appropriate driving licence in respect of the vehicle category being driven, in accordance with the Motor Vehicles (Driving Licences) Regulations;". S.L. 65.18

**4.** In sub-regulation (4) of regulation 24 of the principal regulations for the word "CAB" there shall be substituted the word "CABS". Amends regulation 24 of the principal regulations.

**5.** Sub-regulation (1) of regulation 33 of the principal regulations shall be amended as follows: Amends regulation 33 of the principal regulations.

(a) for the words "electric quadricycles" there shall be substituted the words "electrically propelled vehicles";

(b) paragraphs (b) to (d) thereof shall be renumbered as paragraphs (c) to (e); and

(c) immediately after paragraph (a) thereof, there shall be added the following new paragraph:

"(b) regulation 20(f) in respect of electric mini cabs in category L5e;".

**6.** In sub-regulation (3) of regulation 42 of the principal regulations for the words "ensure that copies of all fiscal receipts issued by a driver of any taxi" there shall be substituted the words "ensure that Z readings printed from all taximeters installed in taxis". Amends regulation 42 of the principal regulations.

**7.** The First Schedule to the principal regulations shall be amended as follows: Amends the First Schedule to the principal regulations.

(a) for Table 1 thereof there shall be substituted the following:

"TABLE 1

MAXIMUM FARES CHAREGEABLE WHEN A FIXED-FARE IS NOT APPLICABLE

| | |
|---|---|
| Initial Fare | €3.50 |
| For the first ten kilometres travelled | €1.63 per km |
| For distances over ten kilometres: | |
| Over ten kilometres up to twenty kilometres | €1.39 per km |
| Over twenty kilometres up to thirty kilometres | €1.16 per km |
| Over thirty kilometres up to forty kilometres | €0.94 per km |
| Over forty kilometres up to fifty kilometres | €0.69 per km |
| Over fifty kilometres up to sixty kilometres | €0.46 per km |
| Over sixty kilometres up to seventy kilometres | €0.23 per km |
| Over sixty kilometres | €1.86 per km |

Provided that the taximeter shall measure distance travelled in units of 100 metres each for the purpose of charging the rates stipulated above:

Provided further that on the 25th December and on the 1st January of each year there shall be a flat additional charge of €7.00 for every trip.

There shall be a waiting charge of €7 per hour or part thereof while the taxi speed is less than 20 km/h provided that this charge shall not trigger off unless the speed of the taxi is less than 20 km/h for at least three continuous minutes:

Provided that the waiting time shall be calculated in units of 10 seconds each for the purpose of the waiting charge."; and

(b) for Table 2 thereof there shall be substituted the following:

"TABLE 2

MAXIMUM FIXED FARES

| | | Departure points | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Destinations | | Malta International Airport | Malta Seaport Terminal | City Gate Valletta (1000hrs - 2200hrs) | St. Julian's (2100hrs - 0500hrs) | Buġibba May - Oct (1600 hrs - 0000 hrs) |
| Zone 1 | Luqa, Kirkop, Sta. Luċija, Ħal Far, Ħal Farruġ, Ħal Safi, Gudja | €11.00 | €15.50 | €15.50 | €19.00 | €25.00 |
| Zone 2 | Valletta, Ħamrun, Msida, Floriana, Gwardamangia, Marsa, Qormi, Pietà, Sta. Venera, Albert Town, | €15.00 | €11.00 | €9.00 | €12.00 | €20.00 |

| Destinations | | Departure points | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Malta International Airport | Malta Seaport Terminal | City Gate Valletta (1000hrs - 2200hrs) | St. Julian's (2100hrs - 0500hrs) | Buġibba May - Oct (1600 hrs - 0000 hrs) |
| Zone 3 | Żebbuġ, Siġġiewi, Għar Lapsi, Rabat, Dingli, Ta' Qali, Mdina, Mtarfa | €18.00 | €20.00 | €20.00 | €19.00 | €18.00 |
| Zone 4 | Paola, Fgura, Laboratory Wharf, Corradino Industrial Estate, Għajn Dwieli, Tarxien | €13.50 | €13.50 | €13.50 | €16.00 | €22.50 |
| Zone 5 | Cospicua, Kalkara, Senglea, Vittoriosa, Żabbar, Xgħajra, Marsaskala, Smart City | €18.00 | €18.00 | €18.00 | €20.00 | €25.00 |
| Zone 6 | Żejtun, Għaxaq, Mqabba, Delimara, Birżebbuġa, Qrendi, Marsaxlokk, Żurrieq | €15.50 | €18.00 | €18.00 | €21.00 | €25.00 |
| Zone 7 | Sliema, Gżira, Kappara, Ta' Xbiex, Paceville, San Ġiljan, San Ġwann, Lija, Swieqi, St. Andrew's, Pembroke, L-Ibraġ, Iklin, Birkirkara, Balzan, Attard | €20.00 | €18.00 | €16.00 | €8.00 | €16.00 |
| Zone 8 | Mosta, Naxxar, Għargħur, High Ridge, Madliena, Baħar iċ-Ċagħaq | €22.50 | €22.50 | €20.00 | €12.00 | €13.00 |
| Zone 9 | Mġarr, Wardija, Salini, Għajn Tuffieħa, Bidnija, Burmarrad, Golden Bay, San Pawl il-Baħar, Buġibba, Qawra, Xemxija, Baħrija, Żebbiegħ, Binġemma, Mtaħleb | €25.00 | €25.00 | €25.00 | €20.00 | €12.00 |
| Zone 10 | Mellieħa, Manikata | €29.50 | €29.50 | €28.00 | €24.00 | €14.00 |
| Zone 11 | Ċirkewwa, Armier, Marfa | €32.00 | €32.00 | €30.00 | €28.00 | €20.00 |
| On the 25th December and on the 1st January of each year there shall be a flat additional charge of €7.00 for every trip.". | | | | | | |

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.45